2026/266

30.1.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/266

tas-26 ta' Jannar 2026

li jistabbilixxi għall-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta funzjonament ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tkun żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew tip ta' sajd. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) No 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbilita fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 jenħtieġ li jiġu ffissati abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u jkun żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, u jitqiesu wkoll il-fehmiet espressi tul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

(3) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (*Anguilla anguilla*) kif previst fir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16 dwar pjan ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM ("GSAs tal-GFCM")). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 iżżomm għall-2026 il-perjodu magħluq ta' sitt xhur għas-sajd kummerċjali u projbizzjoni tas-sajd rikreattiv. Barra minn hekk, dik ir-Rakkomandazzjoni tillimita l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għall-frieħ tas-sallura għal perjodu ta' xahrejn u tippermetti dak is-sajd biss skont ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-miżuri jridu japplikaw għall-ilmijiet marini kollha tal-Baħar Mediterran u għall-ilmijiet ħelwin, kif ukoll għall-ilmijiet salmastri, inkluż l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, f'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(4) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 li tistabbilixxi miżuri fit-tul għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) kif previst fir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll l-aħmar fil-Baħar Mediterran (GSAs 1 sa 27 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 iżżomm għall-2026 l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress bħala għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u limiti tal-ħsad għall-qroll l-aħmar. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

(5) Fis-46 laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran (GSAs 1 sa 27 tal-GFCM). Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet, b'mod konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju u għal perjodu tranżizzjonali mill-2024 sal-2026, limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta, iffriżar tal-kapaċità tal-irkapti biex jinġema' l-ħut (FADs) għal kull bastiment, limitu tal-qbid u għeluq temporanju. Għas-sajd rikreattiv, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 tipprevedi wkoll li jiġi osservat limitu tal-qabda ta' kuljum kif ukoll perjodu ta' projbizzjoni. Dawk il-miżuri ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni mill-2024 permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/259 ([2]) u (UE) 2025/219 ([3]). Dawk il-miżuri jenħtieġ li jibqgħu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni għall-2026. Dawk il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' ġestjoni li jistgħu jiġu proposti mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv fil-GFCM għall-pjan ta' ġestjoni fit-tul għall-perjodu 2027 - 2031.

(6) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) stabbilixxa pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran (GSAs 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM). Dak il-pjan jistabbilixxi miri u miżuri għall-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet li jkopri. Dan jinkludi miżuri biex jinkiseb u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet fil-mira, ikun żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ireġġa' lura l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maħsuda, u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

(7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ffissati f'konformità mal-firxa tal-valuri tal-mortalità mis-sajd li jwasslu għal MSY (meded tal-F_{MSY}), jew f'livell inqas, u f'konformità mas-salvagwardji previsti f'dak ir-Regolament. Il-meded tal-F_{MSY} huma stabbiliti fil-parir rilevanti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Meta ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika xierqa, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ffissati f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 4(6) ta' dak ir-Regolament.

(8) Barra minn hekk, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu espressi bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, stabbiliti f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u bħala l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, stabbiliti f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(9) L-STECF intalab jissimula firxa wiesgħa ta' xenarji ta' ġestjoni tal-isforz għal unitajiet differenti ta' ġestjoni tal-isforz (EMU - effort management units), jiġifieri EMU 1 (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM) u l-EMU 2 (GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM), sal-2030. L-STECF ipprovda parir li juri li l-isforzi ta' selettività li saru fl-2025 inaqqsu b'mod sinifikanti l-mortalità mis-sajd għal xi stokkijiet u jqarrbuha lejn l-F_{MSY}, filwaqt li enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni addizzjonali. Madankollu, l-STECF ma setax jindirizza bis-sħiħ l-eżiti differenti tal-miżuri ta' selettività fl-2025. Sabiex ikun hemm żmien addizzjonali għal rieżami xjentifiku tal-isforzi ta' selettività li saru fl-2025 u fl-2024, jenħtieġ li l-livell tal-isforz tas-sajd jinżamm fil-livell stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/219 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi għall-2025 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2025/219, 4.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/219/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj).

(10) Fl-2025, l-STECF ta parir li l-bastimenti tas-sajd bil-konz għandhom impatt fuq il-merluzz riproduttiv (*Merluccius merluccius*), b'mod partikolari fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM. Fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM, huwa xieraq li, għall-2026, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz jinżamm fil-livelli stabbiliti għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219, abbażi tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/1022.

(11) Fl-2025, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM għadha 'l bogħod minn livelli sostenibbli u li għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni, minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd. Għalhekk, sabiex nibnu fuq il-miżuri adottati fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-2025, u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid u li jiġu stabbiliti l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM fil-livell stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(12) Fl-2025, l-STECF ta parir li huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni għall-gamblu aħmar fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd. Għalhekk huwa xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid, biex nibnu fuq il-miżuri adottati fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-2025 u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ li l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM jinżammu fil-livell stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(13) Fl-2025, l-STECF ta parir li huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd. Għalhekk huwa xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid, sabiex nibnu fuq il-miżuri adottati fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-2025, u li jiġu stabbiliti l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM fil- livell stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(14) Biex jippromwovi l-użu tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u jistabbilixxi żoni magħluqin effiċjenti għas-sajd li jipproteġu l-frieħ tal-ħut u l-ħut riproduttiv, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 ([5]) stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir. Hekk kif l-STECF ikompli jirrakkomanda għall-2026 it-titjib ulterjuri tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u tal-effiċjenza taż-żoni magħluqa biex jiġu protetti l-ħut li għadu qed jikber u l-ħut riproduttiv, u peress li dawk il-miżuri għandhom impatt ippruvat fuq il-mortalità mis-sajd, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jallokaw jiem tas-sajd addizzjonali lil bastiment tas-sajd jekk dan ikun jikkonforma ma' tal-anqas waħda minn dawn il-miżuri stabbiliti fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ma jallokax jiem tas-sajd addizzjonali li jirriżultaw fil-qbiż tal-livell tal-isforz tas-sajd stabbilit għall-grupp tal-isforz tas-sajd rilevanti bir-Regolament (UE) 2024/259, jiġifieri, l-Anness III u l-Artikolu 8.

(15) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1022, meta l-parir xjentifiku juri li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' xi wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament tkun anqas mill-punt ta' referenza prekawzjonarju tal-bijomassa (B_{PA}), jew tkun anqas mill-punt ta' referenza tal-limitu tal-bijomassa (B_{LIM}), għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex ikun żgurat ir-ritorn malajr tal-istokkijiet għal livelli ogħla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY. Fl-2025, l-STECF ikkonkluda li sebgħa mill-istokkijiet ikkonċernati għandhom bijomassa tal-istokk riproduttiv barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri, jiġifieri l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fil-GSAs 6, 9 u 11 tal-GFCM, il-merluzz fil-GSAs 1, 5, 6 u 7 tal-GFCM, il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, il-gamblu aħmar fis-GSAs 6 u 7 tal-GFCM, u t-trilja tal-qawwi (*Mullus surmuletus*) fil-GSA 5 tal-GFCM. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri ta' rimedju fil-liġi tal-Unjoni, li jipprevedu limiti ta' qbid għall-merluzz għall-bastimenti tas-sajd li jużaw l-għeżula u l-pariti, u l-introduzzjoni ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-iskampu.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/110/oj).

(16) Fl-44 laqgħa annwali tagħha tal-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18 tal-GFCM), li mill-2022 sal-2029 introduċiet livell tal-qbid massimu u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta relatat għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jimmiraw għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(17) Fit-48 sessjoni annwali tagħha fl-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/5 dwar reġim tas-sajd fit-tul u l-istabbiliment ta' limiti ta' qbid fl-2026 għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18 tal-GFCM), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 u li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/42/2018/8, GFCM/40/2016/3, GFCM/39/2015/1, GFCM/38/2014/1, GFCM/37/2013/1 u GFCM/30/2006/1. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/5 tistabbilixxi l-limiti ta' qbid għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u għas-sardin (*Sardina pilchardus*) għall-2026, f'konformità mar-regoli dwar il-kontroll tal-ħsad. Jenħtieġ li l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri tkun ibbażata fuq il-qabdiet storiċi ta' kull Stat Membru kkonċernat. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(18) Fit-43 laqgħa annwali tagħha tal-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għal sajd sostenibbli għall-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18 tal-GFCM), li introduċiet reġim tal-isforz tas-sajd u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, kif ukoll obbligu biex fl-2026 jinkiseb l-F_{MSY} għall-istokkijiet ewlenin. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(19) Fit-48 sessjoni annwali tagħha fl-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/6 dwar l-implimentazzjoni ta' reġim tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet demersali ewlenin fil-Baħar Adrijatiku (il-GSAs 17 u 18 tal-GFCM) fl-2026, li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/6 tipprevedi tnaqqis ta' 9,6 % tar-reġim tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u żieda ta' 3 % tal-livelli tal-isforz tal-2025 għall-bastimenti tat-tkarkir bit-travu. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 9,6 % mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219 u l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir bit-travu jenħtieġ li jiżdied bi 3 % meta mqabbel mal-livelli tal-2025.

(20) Filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi żgħar u fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, u f'konformità mal-paragrafu 33 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 u mal-paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5, huwa xieraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u jkun żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima tal-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi żgħar u għal allokazzjoni minima tal-isforz għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

(21) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 introduċiet reġim tal-isforz għall-merluzz u limiti ta' qbid għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), kif ukoll iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(22) Fit-48 sessjoni tagħha tal-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/2 dwar l-estensjoni tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (il-GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/2 tipprevedi l-estensjoni b'sena tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni u għall-2026 iżżomm l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2025. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-livell massimu ta' qabdiet stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219 jinżamm għall-2026.

(23) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(24) Fit-48 sessjoni annwali tagħha tal-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/9 dwar l-estensjoni tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (il-GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5. Għall-2026, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/9 tipprevedi l-estensjoni b'sena tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni u tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(25) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Baħar Jonju (GSAs 19 sa 21 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(26) Fit-48 sessjoni annwali tagħha tal-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/3 dwar l-estensjoni tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Baħar Jonju (il-GSAs 19 sa 21 tal-GFCM), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6. Għall-2026, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/3 tipprevedi l-estensjoni b'sena tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni u tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 3 % mil-livell massimu fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(27) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Baħar Levantin (GSAs 24 sa 27 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/6 u GFCM/42/2018/3. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(28) Fit-48 sessjoni annwali tagħha tal-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/4 dwar l-estensjoni tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar fil-Baħar Levantin (il-GSAs 24 sa 27 tal-GFCM), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7. Għall-2026, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/4 tipprevedi l-estensjoni b'sena tal-perjodu tranżitorju tal-pjan ta' ġestjoni u tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar stabbilit għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(29) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran (il-GSAs 1 sa 3 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 introduċiet għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-konz u bastimenti tas-sajd bix-xlief awtorizzati għas-sajd fil-Baħar Alboran. Dik il-miżura jenħtieġ li tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fit-48 sessjoni annwali tagħha tal-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/7 dwar reġim tas-sajd fit-tul għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (il-GSAs 1 sa 3 tal-GFCM), li tirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 u li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/47/2024/3 u GFCM/46/2023/15. Għall-2026, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/7 introduċiet tnaqqis ta' 56 % tal-limiti ta' qbid għall-paġella ħamra. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 56 % mil-limiti massimi ta' qbid għall-paġella ħamra stabbiliti għall-2025 bir-Regolament (UE) 2025/219.

(31) Abbażi tal-parir xjentifiku tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM għall-Baħar l-Iswed, il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd għal-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) jenħtieġ li tinżamm biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-laċċa l-kaħla fil-Baħar l-Iswed (il-GSA 29 tal-GFCM). Għalhekk jixraq li għal dak l-istokk tibqa' tiġi stabbilita kwota awtonoma.

(32) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 li temenda r-Rakkomandazzjonijiet GFCM/43/2019/3 u GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed (il-GSA 29 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 introduċiet qabda totali permissibbli (TAC) reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4, il-perjodu magħluq ta' xahrejn u l-limitazzjoni tal-jiem tas-sajd għal 180 fis-sena huma marbuta funzjonalment mal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali, għax, mingħajr dawk il-miżuri, it-TAC ikollu jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru ta' dik l-ispeċi. Dawk il-miżuri relatati mal-2026 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(33) Fit-48 laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-GFCM approvat riport tal-kwota mhux użata tal-Unjoni għall-barbun imperjali fl-2024. Dik il-miżura jenħtieġ li tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni. Id-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li tirriżulta minn dak in-nuqqas ta' użu għandha titwettaq fuq il-bażi tal-kontribut rispettiv ta' kull Stat Membru lejn in-nuqqas ta' użu, mingħajr ma jiġi mmodifikat il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/259 dwar l-allokazzjoni annwali tat-TAC.

(34) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 [6], u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu b'rabta mar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforzi tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(35) Biex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u jkun żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2026. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, u li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

(a) is-sallura (*Anguilla anguilla*), il-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran;

(b) il-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku;

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku;

(e) il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija;

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

(f) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija, fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin;

(g) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran;

(h) il-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, meta tali attivitajiet tas-sajd jissemmew b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser l-ilmijiet li ma jinsabu fis-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art kif stipulat fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fil-każ tal-attivitajiet l-oħra kollha tas-sajd, l-ammont ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul perjodu ta' sena

(d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokata għall-Unjoni jew għal Stat Membru;

(e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu tal-qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;

(f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha jkun hemm disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet ta' stokk partikolari, imsejsa fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tagħha tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex skontha jkunu jistgħu jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-alternattivi għall-qbid fil-ġejjieni;

(h) "irkaptu li jiġma" l-ħut" (FAD) tfisser kwalunkwe tagħmir li jżomm f'wiċċ il-baħar bl-objettiv li jattira l-ħut.

Artikolu 3

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "subżoni ġeografiċi tal-GFCM" (GSAs tal-GFSM) tfisser iż-żoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(b) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(c) "il-Punent tal-Mediterran" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

([7]) Ir-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) (ĠU L, 2023/2124, 12.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2124/oj).

(d) “il-Baħar Adrijatiku” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM , kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(e) “il-Fliegu ta’ Sqallija” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(f) “il-Baħar Jonju” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(g) “il-Baħar Levantin” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(h) “il-Baħar Alboran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(i) “il-Baħar l-Iswed” tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

Kapitolu I

Il-Baħar Mediterran

Artikolu 4

Sallura

1. Dan l-Artikolu japplika għas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, għall-ilmijiet salmastri u għall-ilmijiet ħelwin. L-ilmijiet salmastri jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta’ tranżizzjoni.

2. Għandhom ikunu projbiti l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura (*Anguilla anguilla*) li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12 cm, bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja inċidentali, għal perjodu ta’ mill-inqas sitt xhur fl-2026. Għal dak il-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina perjodu magħluq wieħed jew aktar soġġetti għal dan li ġej:

(a) meta xieraq, il-perjodu/i magħluqin jistgħu jvarjaw fi ħdan Stat Membru partikolari minn żona tas-sajd għal oħra biex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;

(b) il-perjodu/i magħluqin għandhom itulu mill-inqas sitt xhur konsekuttivi, jew sitt xhur b’kollox f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3; u

(c) il-perjodu/i magħluqin għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi tal-konservazzjoni stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 ([8]), mal-pjanijiet ta’ ġestjoni nazzjonali fis-seħħ, u max-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-perjodu magħluq għandu jkun mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Marzu 2026, u kull Stat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi perjodu magħluq addizzjonali ta’ tliet xhur li jrid ikun bejn l-1 ta’ April u t-30 ta’ Novembru 2026.

4. L-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12 cm għandhom jiġu awtorizzati kull sena għal perjodu ta’ xahrejn, u dawk l-attivitajiet tas-sajd għandha timmonitorjahom minn istituzzjoni xjentifika dežinjata li għandha tissorvelja l-ġbir u l-analiżi tad-data.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta’ Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1100/oj).

5. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-għadd massimu ta' rkapti passivi awtorizzati biex jimmiraw għas-sallura li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12 cm għal skopijiet kummerċjali ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.

6. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun projbit.

7. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar:

(a) il-perjodu/i magħluqin li jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 sal-1 ta' Marzu 2026;

(b) il-miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu/i magħluqin li jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 u 3, fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom; u

(c) il-perjodu awtorizzat għas-sajd tas-sallura li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12 cm f'konformità mal-paragrafu 4, sal-1 ta' Marzu 2026.

Artikolu 5

Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) fil-Baħar Mediterran.

2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll l-aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll l-attivitajiet tal-ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 6

Lampuka

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kummerċjali kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għal-lampuka (*Coryphaena hippurus*) bi rkapti li jiġmgħu l-ħut (FADs) fil-Baħar Mediterran. Japplika wkoll għas-sajd rikreattiv tal-lampuka fil-Baħar Mediterran.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u tunnellaġġ gross (GT), tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għal-lampuka hija stabbilita fl-Anness III.

3. L-għadd massimu ta' FADs għal kull bastiment awtorizzat biex jistad għal-lampuka huwa stabbilit fl-Anness III.

4. Il-livell tal-qbid massimu għal-lampuka ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness III.

5. Is-sajd rikreattiv għal-lampuka għandu jkun permess mill-15 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru u l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal 10 kg jew ħames ħutiet ta' kwalunkwe daqs għal kull persuna kuljum.

Kapitolu II

Il-Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 7

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022 fil-Punent tal-Baħar Mediterran.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stabbilit fl-Anness IV għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u mal-Artikoli 26 sa 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu abjad fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni huma stabbiliti fl-Anness IV .

4. Il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu abjad f'Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u f'Sardinja huma stabbiliti fl-Anness IV.

5. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stipulat fl-Anness IV, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) il-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([9]) jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 8

Mekkaniżmu ta' kumpens

1. Għat-taqsima tal-flotta kkonċernata, Stat Membru jista' jadotta leġiżlazzjoni nazzjonali dwar mekkaniżmu ta' kumpens sabiex jagħti fl-2026 lill-bastimenti eliġibbli li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd kif prevista fil-paragrafu 2 u kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 7 u 8, dment li l-bastiment li jirċievi l-allokazzjoni addizzjonali jissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fil-livell nazzjonali:

(a) il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malji kwadri ta' mill-inqas 45 mm meta jistad fil-blata kontinentali u x-xaqliba ta' fuq;

(b) il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malji kwadri ta' mill-inqas 50 mm meta jistad fil-blata kontinentali u x-xaqliba ta' fuq u fl-ilmijiet fondi;

(c) l-attività tal-bastiment hija soġġetta għal perjodu magħluq li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir f'fond bejn 100 m u 500 m għal mill-inqas sitt ġimgħat konsekuttivi bejn Frar u Settembru;

(d) l-attività tal-bastiment hija soġġetta għal perjodu magħluq li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għal mill-inqas erba' ġimgħat konsekuttivi bejn Marzu u Ottubru;

(e) l-attività tal-bastiment hija soġġetta għal perjodu magħluq li jipprojbixxi attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM għal mill-inqas erba' ġimgħat konsekuttivi bejn Marzu u Ottubru;

(f) mill-inqas 5 % taż-żoni tas-sajd tal-bastiment f'fond ta' bejn 100 m u 500 m jaqgħu f'żona li hija soġġetta għal perjodu magħluq ta' 12-il xahar li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd;

(g) iż-żoni tas-sajd tal-bastiment jaqgħu f'żona ta' għeluq temporanju stabbilit biex jitnaqqsu b'mill-inqas 20 % il-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-merluzz;

(h) iż-żoni tas-sajd tal-bastiment jaqgħu f'żona ta' għeluq temporanju stabbilit biex jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % il-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % il-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ kollha;

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj).

(i) iż-żoni tas-sajd tal-bastiment huma soġġetti għal għeluq permanenti għall-attività tas-sajd bil-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-gamblu aħmar u għall-gamblu aħmar kbir fl-ilmijiet fondi f'fond ta' inqas minn 600 m;

(j) iż-żoni tas-sajd tal-bastiment ikunu soġġetti għal għeluq permanenti għall-attività tas-sajd b'bastimenti tat-tkarkir li jistadu f'ilmijiet fondi f'fond ta' aktar minn 800 m;

(k) il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'bibien sospiżi fuq wiċċ l-ilma jew sospiżi fl-ilma, diriġenti b'kuntatt baxx jew bibien oħra li jnaqqsu l-kuntatt tal-bibien u l-irkaptu ma' qiegħ il-baħar, biex jippreservaw il-ħabitats essenzjali tal-ħut tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ;

(l) il-bastiment juża rkaptu regolat selettiv ħafna li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont studju tal-STECF, fi tnaqqis ta' mill-inqas 25 % tal-qabdiet ta' frieħ tal-ħut tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew tnaqqis ta' mill-inqas 20 % tal-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020, bħal għarbiel bi spazji ta' 20 mm;

(m) mill-inqas 10 % taż-żoni tas-sajd tal-bastiment f'fond ta' bejn 300 m u 600 m jaqgħu f'żona li hija soġġetta għal għeluq permanenti għall-attività tas-sajd bil-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-iskampu fil-GSAs 6, 9 jew 11 tal-GFCM;

(n) l-Istat Membru kkonċernat jimplimenta waqfien permanenti ta' 5 % sa 10 % tal-flotta kkonċernata jew jimplimenta waqfien permanenti ta' aktar minn 10 % tal-flotta kkonċernata.

2. L-allokazzjoni ta' jiem addizzjonali tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) jekk bastiment jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (a), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'9,3 %, sakemm:

— il-bastiment ikkonċernat ma jkunx qed jimplimenta dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied bi 18,6 %;

— il-bastimenti li jkunu qed jimplimentaw dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2026 ma jirrappreżentawx b'kollox aktar minn 40 % tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat fl-EMU, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied b'25 %;

— il-miżura ma tapplikax għall-bastimenti kollha tal-Istat Membru kkonċernat fl-EMU qabel l-1 ta' Mejju 2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied bi 30 %; jew

— il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà implimenta dik il-miżura fl-2025 u jkompli jimplimentaha fl-2026 mingħajr interruzzjoni, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd ta' dak il-bastiment tista' tiżdied b'37 %; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(b) jekk bastiment jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (b), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15,4 %, sakemm:

— il-bastiment ikkonċernat ma jkunx qed jimplimenta dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied bi 30,8 %;

— il-bastimenti li jkunu qed jimplimentaw dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2026 ma jirrappreżentawx b'kollox aktar minn 40 % tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat fl-EMU, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied b'40 %;

— il-miżura ma tapplikax għall-bastimenti kollha tal-Istat Membru kkonċernat fl-EMU qabel l-1 ta' Mejju 2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied b'50 %; jew

— il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà implimenta dik il-miżura fl-2025 u jkompli jimplimentaha fl-2026 mingħajr interruzzjoni, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd għal dak il-bastiment tista' tiżdied b'55 %; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(c) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (c), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'10 %, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà ġie soġġett għal dik il-kundizzjoni fl-2025 u jibqa' soġġett għaliha fl-2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd għal dak il-bastiment tista' tiżdied bi 12 %; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(d) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (d), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15 %, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà ġie soġġett għal dik il-kundizzjoni fl-2025 u jibqa' soġġett għaliha fl-2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd għal dak il-bastiment tista' tiżdied bi 18 %; jekk l-għeluq jiġi estiż kontinwament għal ġimgħat addizzjonali, l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd ta' dak il-bastiment tista' tiżdied bi 2 % għal kull ġimgħa addizzjonali; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(e) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (e), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15 %, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà ġie soġġett għal dik il-kundizzjoni fl-2025 u jibqa' soġġett għaliha fl-2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd għal dak il-bastiment tista' tiżdied bi 18 %; jekk l-għeluq jiġi estiż kontinwament għal ġimgħat addizzjonali, l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd ta' dak il-bastiment tista' tiżdied bi 2 % għal kull ġimgħa addizzjonali; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(f) jekk il-bastiment ikun soġġett għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (f), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'4 %;

(g) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (g), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 13 %, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx diġà ġie soġġett għal dik il-miżura fl-2025 u jibqa' soġġett għaliha fl-2026, f'liema każ l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd għal dak il-bastiment tista' tiżdied bi 15 %; il-perċentwali msemmija f'dan il-punt ma jistgħux jiġu akkumulati;

(h) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (h), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(i) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (i), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'6 %;

(j) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (j), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %, li tista' tiżdied sa 5 % jekk dik il-miżura diġà kienet implimentata fl-2025;

(k) jekk bastiment jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (k), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(l) jekk bastiment jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (l), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(m) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (m), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 8 %;

(n) jekk l-attività tal-bastiment tkun soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (n), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15 %, sakemm waqfien permanenti ma japplikax għal aktar minn 10 % tal-flotta kkonċernata, f'liema każ l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 30 %.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-abbozz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata mal-kundizzjonijiet magħżula għall-mekkaniżmu ta' kumpens mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 mill-inqas xahar qabel l-adozzjoni tiegħu.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet għall-kumpens imsemmija fil-paragrafi 1 u 2; u

(b) l-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.

5. In-notifika tal-allokazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2026. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta lill-Kummissjoni n-notifika tiegħu ta' allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd wara l-31 ta' Lulju 2026, il-perċentwali speċifikati fil-paragrafu 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta b'mod separat, kull xahar, lill-Kummissjoni l-isforz li jkun sar biex jinqata' mill-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 2 billi juża l-kodiċijiet tar-rapportar speċifiċi għal dak il-fini.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jikkalkula l-allokazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd skont il-linja bażi li tikkorrispondi għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli ffissat bir-Regolament (UE) 2024/259, b'mod proporzjonali għall-għadd rilevanti ta' bastimenti eliġibbli kkonċernati mill-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 1 u 2.

8. L-Istat Membru kkonċernat ma għandux jalloka jiem tas-sajd addizzjonali li jirriżultaw fil-qbiż tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-grupp tal-isforz tas-sajd rilevanti fir-Regolament (UE) 2024/259, jiġifieri, l-Anness III u l-Artikolu 8.

9. L-Istatu Membru kkonċernat għandu jtejjeb il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-bastimenti tas-sajd imsemmija f'dan l-Artikolu sabiex jiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafu 1 u l-miżuri nazzjonali korrispondenti.

10. L-Istat Membru kkonċernat jista' jittrasferixxi jiem addizzjonali allokati f'konformità ma' dan l-Artikolu bejn bastimenti li jimplimentaw l-istess kundizzjonijiet, dment li japplika fattur ta' konverżjoni li jkun appoġġat mill-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

11. Jekk il-bastiment ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), l-għadd ta' jiem addizzjonali tas-sajd allokati għal dak il-bastiment skont il-paragrafu 2, punti (a) u (b), jistgħu jiġu akkumulati.

Artikolu 9

Miżuri ta' rimedju għall-merluzz fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 tal-GFCM u l-iskampu fil-GSA 6 tal-GFCM

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 u l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fil-GSA 6 tal-GFCM.

2. Il-limitu massimu tal-qbid tal-merluzz għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GTR, GND) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran huwa stipulat fl-Anness IV.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-iskampu ta' mill-inqas 25 mm tul tal-karapaċi (CL).

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

Artikolu 10

Miżuri ta' rimedju għall-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM u l-iskampu fil-GSAs 9 u 11 tal-GFCM

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM u l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fil-GSAs 9 u 11 tal-GFCM.

2. Il-limitu massimu tal-qbid tal-merluzz għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GTR, GND) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran huwa stipulat fl-Anness IV.

3. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' rkaptu bid-diriġenti tewmin għall-bastimenti tat-tkarkir li jistadu fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-iskampu ta' mill-inqas 25 mm tul tal-karapaċi (CL).

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 11

Reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jibagħtu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u mal-Artikoli 146c, 146d u 146e tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([11]).

2. Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni relatata mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/404/oj).

Kapitolu III

Il-Baħar Adrijatiku

Artikolu 12

Stokkijiet pelaġiċi żgħar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu s-sardina (*Sardina pilchardus*) u l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. Il-livell tal-qbid massimu għas-sardina u għall-inċova ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.

3. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u tunnellaġġ gross (GT), tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar hija stabbilita fl-Anness V.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 13

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għal dawk l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ u l-kapaċità massima tal-flotta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness V.

3. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 14

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data relatata mal-ħatt l-art u mal-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet u l-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Kapitolu IV

Il-Fliegu ta' Sqallija

Artikolu 15

Il-merluzz u l-gamblu abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VI.

3. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-merluzz (espress f'għadd ta' jiem tas-sajd), għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) li jistadu għall-merluzz huwa stabbilit fl-Anness VI.

4. Il-livell tal-qbid massimu tal-gamblu abjad ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

5. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 16

Gambli tal-fond

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VI .

3. Il-livell tal-qbid massimu ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

Artikolu 17

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda lill-Kummissjoni dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Kapitolu V

Il-Baħar Jonju u l-Baħar Levantin

Artikolu 18

Gambli tal-fond

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VII.

3. Il-livell tal-qbid massimu ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VII.

Kapitolu VI

Il-Baħar Alboran

Artikolu 19

Paġella ħamra

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd kummerċjali u rikreattiv mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) bil-konzijiet u bix-xlief fil-Baħar Alboran.

2. Il-livell tal-qbid massimu ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VIII.

3. L-għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati għas-sajd tal-paġella ħamra huwa stabbilit fl-Anness VIII.

4. Għandu jiġi stabbilit għeluq temporali bl-għan li jiġi protett l-istokk ewlieni matul ir-riproduzzjoni għal perjodi ta' mhux inqas minn 60 jum kontinwu. Tali għeluq għandu jdum mill-inqas xahrejn u għandu jsir fil-perjodu minn Jannar sa Marzu 2026 u għandu jkopri ż-żoni ewlenin tad-distribuzzjoni tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran.

5. Is-sajd rikreattiv għall-paġella ħamra għandu jkun projbit.

Kapitolu VII

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 20

Laċċa kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa l-kaħla hija stabbilita fl-Anness IX.

3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 21

Barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, l-allokazzjoni ta' din it-TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta funzjonalment magħha, meta xieraq, huma stabbiliti fl-Anness IX.

3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 22

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 21, irrispettivament mit-tul kumplessiv tal-bastiment, ma għandhomx jaqbżu l-180 jum tas-sajd fis-sena.

Artikolu 23

Perjodu ta' għeluq għall-barbun imperjali

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2026, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu xi attività tas-sajd għall-barbun imperjali, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilita fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 25

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa l-kaħla u tal-barbun imperjali maqbuda fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU

ANNESS I

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD KUMMERĊJALI TAL-UNJONI GĦALL-FRIEĦ TAS-SALLURA FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-MEDITERRAN (GFCM) GĦAS-SALLURA FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-għadd massimu ta' rkaptu tas-sajd awtorizzati għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Anguilla anguilla	ELE	Sallura

Tabella 1

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd

Stati Membri	Sallura ELE
Spanja	153

Tabella 2

Għadd massimu ta' rkapti tas-sajd

Stati Membri	Rkaptu tas-sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Unitajiet
Spanja	Nases	EPO	249

ANNESS II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-MEDITERRAN (GFCM) GĦALL-QROLL AĦMAR FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-livell massimu ta' kwantitajiet maqbuda ta' qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Corallium rubrum	COL	Qroll aħmar

Tabella 1

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd (*)

Stati Membri	Qroll aħmar COL
Il-Greċja	12
Spanja	0 (**)
Franza	32
Il-Kroazja	0 (**)
L-Italja	40

(*) Jirrappreżenta l-għadd ta' bastimenti jew bugħaddasa, jew it-tnejn li huma, jew l-abbinament ta' bugħaddas wieħed ma' bastiment wieħed, awtorizzati għall-ħsad tal-qroll aħmar.

(**) F'konformità mal-projbizzjoni temporali attwali għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilita fl-ilmijiet Spanjoli u fl-ilmijiet Kroati, sakemm ikun hemm bidliet possibbli.

Tabella 2

Livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Qroll aħmar *Corallium rubrum*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran GSAs 1-27 COL/GF1-27
Il-Greċja	1 844		
Spanja	0 (**)		
Franza	1 400		
Il-Kroazja	0 (**)		
L-Italja	1 378		
L-Unjoni	4 622		
TAC	Mhux rilevanti		

(**) F'konformità mal-projbizzjoni temporali attwali għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilita fl-ilmijiet Spanjoli u fl-ilmijiet Kroati, sakemm ikun hemm bidliet possibbli.

ANNESS III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-LAMPUKI FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu, il-kW u t-tunnellaġġ gross (GT) tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-lampuki bl-użu ta' rkapti biex jinġema' l-ħut (FADs) fil-Baħar Mediterran u l-livell massimu ta' qabdiet.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Coryphaena hippurus	DOL	Lampuka

Tabella 1

Kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti li jistadu għal-lampuka bl-użu ta' FADs fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27)

Stat Membru	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
L-Italja	261	21 061	1 986
Malta	130	16 662	1 296,28
Spanja	45	2 105,73	153,34

Tabella 2

L-għadd massimu ta' FADs għal kull bastiment awtorizzat li jistad għal-lampuki fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27), kif ukoll limitu ta' qbid ta' kuljum għas-sajd tal-lampuki bil-qasba

Stat Membru	Għadd ta' FADs għal kull bastiment
L-Italja	100
Malta	200
Spanja	50
Sajd rikreattiv	Sajd bil-qasba – limitu ta' qbid ta' kuljum = 10 kg jew 5 ħutiet/persuna/jum

Tabella 3

Il-livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj maqbuda fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27)

Speċi:	Lampuka *Coryphaena hippurus*	Zone:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tal-GSAs 1-27 (DOL/MED)
L-Italja	1 174	Livell massimu ta' qabdiet	
Malta	517		
Spanja	127		
L-Unjoni	1 818		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS IV

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-ĦUT TAL-QIEGĦ FIL-PUNENT TAL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi tal-istokkijiet, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament (UE) 2019/1022, il-limiti massimi ta' qbid u t-tul kumplessiv tal-bastimenti għat-tipi kollha tax-xbieki tat-tkarkir ([1]) u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu aħmar
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Mullus barbatus	MUT	Trilja tal-ħama
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Parapenaeus longirostris	DPS	Gambli tal-fond

([1]) TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP u TSP.

1. Sforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd)

(a) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	L-Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali
It-trilja tal-ħama fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; il-gamblu abjad fil-GSAs 1, 5 u 6; l-iskampu fil-GSAs 5 u 6	< 12 m	317	0	0	EFF1/MED1_TR1	EFF1/MED1_TR1_AA
	≥ 12 m u < 18 m	3 400	0	0	EFF1/MED1_TR2	EFF1/MED1_TR2_AA
	≥ 18 m u < 24 m	6 379	2 023	0	EFF1/MED1_TR3	EFF1/MED1_TR3_AA
	≥ 24 m	2 247	2 462	0	EFF1/MED1_TR4	EFF1/MED1_TR4_AA
Gamblu aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	0	0	0	EFF2/MED1_TR1	EFF2/MED1_TR1_AA
	≥ 12 m u < 18 m	160	0	0	EFF2/MED1_TR2	EFF2/MED1_TR2_AA
	≥ 18 m u < 24 m	1 615	0	0	EFF2/MED1_TR3	EFF2/MED1_TR3_AA
	≥ 24 m	1 297	0	0	EFF2/MED1_TR4	EFF2/MED1_TR4_AA

(b) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8, 9, 10 u 11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	L-Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali
It-trilja tal-ħama fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; il-gamblu abjad fil-GSAs 9, 10 u 11; l-iskampu fil-GSAs 9 u 10	< 12 m	0	138	1 202	EFF1/MED2_TR1	EFF1/MED2_TR1_AA
	≥ 12 m u < 18 m	0	551	18 064	EFF1/MED2_TR2	EFF1/MED2_TR2_AA
	≥ 18 m u < 24 m	0	138	12 148	EFF1/MED2_TR3	EFF1/MED2_TR3_AA
	≥ 24 m	0	138	1 622	EFF1/MED2_TR4	EFF1/MED2_TR4_AA
Gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	83	199	EFF2/MED2_TR1	EFF2/MED2_TR1_AA
	≥ 12 m u < 18 m	0	333	1 465	EFF2/MED2_TR2	EFF2/MED2_TR2_AA
	≥ 18 m u < 24 m	0	83	1 180	EFF2/MED2_TR3	EFF2/MED2_TR3_AA
	≥ 24 m	0	83	158	EFF2/MED2_TR4	EFF2/MED2_TR4_AA

(c) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	L-Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-merluzz fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	9 433	6 432	0	EFF1/MED1_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	2 148	93	0	EFF1/MED1_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	74	0	0	EFF1/MED1_LL3
	≥ 24 m	29	0	0	EFF1/MED1_LL4

(d) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8, 9, 10 u 11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	L-Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	1 436	28 873	EFF1/MED2_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	0	44	4 131	EFF1/MED2_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	0	0	23	EFF1/MED2_LL3
	≥ 24 m	0	0	0	EFF1/MED2_LL4

2. Limiti massimi ta' qbid għall-gambli tal-fond

(a) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7) espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 (ARA/GF1-7)
Spanja	708,3	Livelli massimi ta' qabdiet	
Franza	45,9		
L-Italja	0		
L-Unjoni	754,2		
TAC	Mhux rilevanti		

(b) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea)* fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (GSAs 8, 9, 10 u 11) espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 8, 9, 10 u 11 (ARA/GF8-11)
Spanja	0	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Franza	8,5	Livelli massimi ta' qabdiet	
L-Italja	221,9		
L-Unjoni	230,4		
TAC	Mhux rilevanti		

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 8, 9, 10 u 11 (ARS/GF8-11)
Spanja	0	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Franza	4,9	Livelli massimi ta' qabdiet	
L-Italja	323,4		
L-Unjoni	328,3		
TAC	Mhux rilevanti		

3. Limiti massimi ta' qbid għall-merluzz

(a) Opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud bl-irkaptu passiv (GNS, GND u GTR) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7), espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj.

Speċi:	Merluzz *Merluccius merluccius*	Żona:	GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 (HKE/GF1-7)
Spanja	49,1	Limitu analitiku ta' qbid	
Franza	122,2	L-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw.	
L-Italja	0		
L-Unjoni	171,3	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikolu 15(9) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika.	
		Livelli massimi ta' qabdiet	

(b) Opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud bl-irkaptu passiv (GNS, GND u GTR) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (GSAs 8, 9, 10 u 11), espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Merluzz *Merluccius merluccius*	Żona:	GSAs 8, 9, 10 u 11 (HKE/GF8-11)
Spanja	0	Limitu analitiku ta' qbid	
Franza	0,2	L-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw.	
L-Italja	261,5		
L-Unjoni	261,7	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikolu 15(9) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika.	
		Livelli massimi ta' qabdiet	

ANNESS V

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ADRIJATIKU

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Mullus barbatus	MUT	Trilja tal-ħama
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Parapenaeus longirostris	DPS	Gambli tal-fond
Sardina pilchardus	PIL	Sardina
Solea solea	SOL	Lingwata komuni

1. Stokkijiet pelaġiċi żgħar – GSAs 17 u 18

(a) Livell massimu ta' qabdiet espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	L-ispeċijiet pelaġiċi żgħar (inċova u sardin)		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta'GSAs 17 u 18
	Engraulis encrasicolus (ANE/GF1718)	*Sardina pilchardus* (PIL/GF1718)		
L-Italja	14 154,5	8 062,3		
Il-Kroazja	9 542,5	32 625,7		
Is-Slovenja	111	189		
L-Unjoni	23 808	40 877		
TAC	Mhux rilevanti			

(a) Kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir u tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu b'mod attiv għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Il-Kroazja	PS	249	77 145,52	18 537,72
L-Italja	PTM, OTM u PS	187	64 655	14 065
Is-Slovenja (*)	PS	4	433,7	38,5

(*) Id-dispożizzjoni taħt il-paragrafu 28 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 ma għandhiex tapplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jistadu b'mod attiv għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar, kif irreġistrat kemm fir-reġistru nazzjonali u f'dak tal-GFCM fl-2014, kif inhu fil-każ tas-Slovenja. F'dak il-każ, il-kapaċità tal-flotta attiva tista' tiżdied b'mhux aktar minn 50 % tal-għadd ta' bastimenti u f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT, gross tonnage), tunnellaġġ reġistrat gross (GRT, gross registered tonnage) u kW.

2. Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ – GSAs 17 u 18

(a) L-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' xbieki tat-tkarkir u s-segment tal-flotta għas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-GSAs 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku).

					Jiem tas-sajd 2026		
Tip ta' rkaptu	Żona ġeografika	Stokkijiet ikkonċernati	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	L-Italja	Il-Kroazja	Is-Slovenja
Xbieki tat-tkarkir (OTB)	GSAs 17 u 18	Trilja tal-ħama; Merluzz Ewropew; il-gamblu abjad, u l-iskampu tan-Norveġja	< 12 m	EFF/MED3_OTB _TR1	2 507	8 988	(*)
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_OTB _TR2	56 347	20 939	(*)
			≥ 24 m	EFF/MED3_OTB _TR3	4 937	1 880	(*)
Xbieki tat-tkarkir bit-travu (TBB)	GSA 17	Lingwata Lingwata	< 12 m	EFF/MED3_TBB _TR1	200	0	0
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_TBB _TR2	3 744	0	0
			≥ 24 m	EFF/MED3_TBB _TR3	3 723	0	0

(*) Is-Slovenja ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum tas-sajd fis-sena f'konformità mal-paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5.

(b) Kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u tal-bastiment tat-tkarkir bit-travu awtorizzati għas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Il-Kroazja	OTB	495	79 867,99	13 267,99
L-Italja	OTB u TBB	1 363	260 618,37	47 148
Is-Slovenja (*)	OTB	11	1 813,00	168,67

(*) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9(c) u 28 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 ma għandhomx japplikaw għall-flotot nazzjonali li joperaw bix-xbieki tat-tkarkir (OTB) u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 9(c) tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5. Il-kapaċità tas-sajd tal-flotta attiva li topera bix-xbieki tat-tkarkir (OTB) ma għandhiex tiżdied b'aktar minn 50 % fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

ANNESS VI

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KANAL TA' SQALLIJA

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u, fejn xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ u għall-gambli tal-fond.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Parapenaeus longirostris	DPS	Gambli tal-fond
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu aħmar

1. Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

(a) Kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	1	265	105
Spanja	OTB	1	100	118
L-Italja	OTB	594	144 175	36 856
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu tal-isforz tas-sajd (f'jiem tas-sajd), għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) li jistadu għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Tul tal-bastiment	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	Jiem tas-sajd 2026
Ċipru	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	51
L-Italja	OTB	T-07	EFF4/MED4_OTB1	90
L-Italja	OTB	T-10	EFF4/MED4_OTB2	188
L-Italja	OTB	T-11	EFF4/MED4_OTB3	19 366
L-Italja	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	3 657
Malta	OTB	T-11	EFF4/MED4_OTB3	338
Malta	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	165

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gambli tal-fond *Parapenaeus longirostris*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 (DPS/GF12-16)
Ċipru	1	Limitu analitiku ta' qbid	
L-Italja	2 020		
Malta	5		
L-Unjoni	2 026		
TAC	Mhux rilevanti		

2. Gambli tal-fond

(a) Kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	1	265	105
Spanja	OTB	2	440,56	218,78
L-Italja	OTB	239	76 232	22 672
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16
Spanja	0,9	Limitu analitiku ta' qbid	
L-Italja	794,4		
Ċipru	0		
Malta	33,7		
L-Unjoni	829		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 (ARS/GF12-16)
Spanja	0,9	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
L-Italja	91,9		
Ċipru	0		
Malta	7,1		
L-Unjoni	95		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS VII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR JONJU U FIL-BAĦAR LEVANTIN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin u l-livell massimu ta' qabdiet.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu aħmar

1. Il-Baħar Jonju

(a) Kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Il-Greċja	OTB	240	69 281	23 101
L-Italja	OTB	291	72 383	16 853
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar kbir Aristaeomorpha *foliacea*	Żona:	GSAs 19-20 u 21 (ARS/GF19-21)
Il-Greċja	31,3	Limitu analitiku ta' qbid	
L-Italja	285,7		
Malta	42		
L-Unjoni	359		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 19, 20 u 21 (ARA/GF19-21)
Il-Greċja	13,8	Limitu analitiku ta' qbid	
L-Italja	228,2		
Malta	0		
L-Unjoni	242		
TAC	Mhux rilevanti		

2. Il-Baħar Levantin

(a) Kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	6	2 048	618
L-Italja	OTB	34	15 345	5 542

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 24, 25, 26 u 27 (ARS/GF24-27)
L-Italja	44,3	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Ċipru	10,7		
L-Unjoni	55		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Gamblu aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 24, 25, 26 u 27 (ARA/GF24 - 27)
L-Italja	9,4	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Ċipru	5,6		
L-Unjoni	15		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS VIII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ALBORAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran u l-livell massimu ta' qabdiet.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Pagellus bogaraveo	SBR	Paġella ħamra

(a) Il-livell massimu ta' qabdiet li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi	Il-paġella ħamra *Pagellus bogaraveo*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Alboran – GSAs 1, 2 u 3 (SBR/GF1-3)
Spanja	9,1	Livelli massimi ta' qabdiet	
L-Unjoni	9,1		
TAC	Mhux rilevanti		

(b) Għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati għas-sajd fil-Baħar Alboran (GSAs 1, 2 u 3)

Stat Membru	Paġella ħamra fil-GSAs 1, 2 u 3
Spanja	82

ANNESS IX

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, mogħtija f'tunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u, fejn xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Sprattus sprattus	SPR	Laċċ ikħal
Scophthalmus maximus	TUR	Barbun imperjali

Speċi	Laċċ ikħal *Sprattus sprattus*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29 (SPR/F3742C)
Il-Bulgarija	8 032,50	TAC analitika	
Ir-Rumanija	3 442,50	L-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw.	
L-Unjoni	11 475	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
TAC	Mhux rilevanti		

Speċi:	Barbun imperjali *Scophthalmus maximus*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29 (TUR/F3742C)
Il-Bulgarija	86,3	TAC analitika	
Ir-Rumanija	88,3	L-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw.	
L-Unjoni	174,6 (*)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
TAC	890		

(*) Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2026 ma għandha tkun permessa l-ebda attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ.